MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 170/1999/1

**Topserv Limited**

**vs**

**Edwin Vella, gerenti d-ditta Edwin Vella Installations**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta’ Frar ta’ l-1999 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenut biex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Irodd lura lil Topserv Ltd l-ammont ta’ sitt mija wiehed u sebghin Lira u tletin centezmi (LM671.30,0),

liema ammont huwa hlas zejjed li Topserv Ltd hallsu bil-quddiem lill-konvenut ghal xoghol elettriku li l-konvenut beda fil-Melbourne Garage Hal-Qormi, izda li ma lestiex;

2. Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri bonarji tal-24. 8. 1998, 5.10.1998 u 3.11.1998, u bl-imghax legali mill-24.8.1998 kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-konvenut ma ghandu jghati xejn lis-socjeta' attrici u dan stante li kienet is-socjeta' attrici li unilateralment kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt billi bdiet tvarja dak li kien mifthiem bejn il-partijiet u li ghalhekk esponiet lill-istess konvenut ghal danni u telf ta' qliegh li komplessivament jammonta ghal disa' mija u tlett liri u tnax-il centezmu Maltin (LM903.12,0);

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ma jirriflettix il-bill of quantities li kienu qablu fuqhom il-partijiet;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat wkoll il-kontro-talba tal-konvenut datata t-18 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha ppremetta u sejjah lill-attur biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat minn din il-qorti:

Peress illi s-socjeta' Topserv Limited u l-attur fil-kontro talba, Edwin Vella ghamlu kuntratt ta' appalt ghall-istallazzjoni ta' elettriku fil-Melbourne Garage, Qormi;

Peress illi s-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba unilateralment kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim b'danni u tlef ta' qliegh kontra l-attur rikonvenzjonat;

Peress illi minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' Topserv Limited li ma onorat il-ftehim u li ghalhekk gie

abbandunnat, din l-inadempjenza kkawzat telf ta' qliegh lill-istess Edwin Vella fl-ammont ta' disa' mija u tlett liri Maltin u tnax-il centezmu, (LM903.12,0);

Ihallas lill-attur f'din il-kontro talba, Edwin Vella, l-ammont ta' disa' mija u tlett liri Maltin u tnax-il centezmu (LM903.12,0) bhala danni ta' telf ta' qliegh kkawzat mix-xoljiment tal-kuntratt ta' appalt fuq stallazzjoni ta' elettriku wara li dan l-istess fethim ma giex onorat mis-socjeta' Topserv Limited;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici datata l-1 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti jikkontempla li jsiru variation orders. (Dok. A). U dan appuntu ghaliex f'dan it-tip ta' kuntratt ta' spiss tirrizulta l-htiega ta' tibdiliet waqt il-kors tax-xoghol;

2. Illi t-tibdiliet u l-bills of quantities u rati godda relativi gew mifthema mal-attur u accettati minnu;

3. Kien l-attur li unilateralment kiser il-kuntratt u ghalkemm kien thallas minn qabel abbanduna x-xoghol minghajr ebda raguni valida, u dan jidher mill-kopji ta' korrispondenza annessi (Dokumenti B,C,D,E,F,G). Ghalhekk it-talba tieghu ghal telf ta' qligh hija nfondata u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, li jibqa ngunt ghas-subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici tallega li l-ammont mertu ta' din il-procedura minnha ndikat fl-avviz odjern hu dovut lilha ghaliex jammonta ghall-pagamenti zejda li l-istess socjeta' ghamlet lill-konvenuti ghall-xogholijiet li allegatament baqa' inadempjenti fuqhom;

2. Illi da parte tieghu l-konvenut jafferma li kien ha kuntratt ta' sub-appalt mis-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt datat 14 t'April ta' l-1998 izda ffirmat u ghalhekk finalizzat l-ghada;

3. Illi meta l-konvenut beda jespleta l-inkarigu tieghu s-socjeta' attrici bdiet tbiddel ix-xogholijiet b'ritmu frekwenti u konsegwentement it-termini originali gew sfigurati;

4. Illi in effetti x-xogholijiet tant inbiddlu li l-kuntratt gie snaturat u hu proprju ghalhekk li l-konvenut qieghed jghamel il-kontro-talba tieghu;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta mill-provi, anke dokumentarji, imresqa mill-konvenut u ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi t-talba kontentuta fl-avviz odjern u tichad ukoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u l-kontro-talba tieghu, u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenut Edwin Vella l-ammont ta' disa' mija u tlett Liri Maltin u tnax-il centezmu, (LM903.12,0), bl-ispejjez."

Is-socjeta' attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li f'termini generici jistghu jigu hekk sintetizzati:-

(i) L-ewwel Qorti ma kellhiex taddotta l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut;
(ii) Ergo, ma kellhiex tasal ghal konkluzjoni illi s-socjeta' attrici kisret il-kondizzjonijiet tal-ftehim u znaturat il-kuntratt.

Ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni u tal-indagini tal-aggravji huma rilevanti dawn il-fatti:-

(a) Is-socjeta' attrici issubappaltat lill-konvenut xoghol ta' elettriku li kellu jigi ezegwit fil-Melbourne Garage, Hal-Qormi;

(b) Il-ftehim ta' bejniethom hu rakkjuz fil-kuntratt esebit a fol 17 u fil-Bill of Quantities formanti parti integrali minnhu. Dan ta' l-ahhar gie modifikat skond kif jirrizulta mid-dokument a fol 46 tal-process.

(c) Fil-kors tal-ezekuzzjoni tax-xoghol sar tnaqqis ta' xi items kif ukoll zidiet ta' ohrajn. Dan gab awment fil-'contract value'. Ara l-Affidavit ta' Edwin Attard a fol 38.

(d) Kemm dan ix-xhud kif ukoll Noel Grech, Managing Director tas-socjeta' attrici; ikkommentaw illi l-prezzijiet ta' dawn ix-xoghlijiet extra inhadmu skond ir-rati tal-ftehim originali kif ukoll fuq il-cost price u profit margin ghal konvenut. Dawn iz-zewg xhieda issoktaw jghidu li l-konvenut kien qabel ma' dawn il-prezzijiet u/jew qatt ma qalilhom li ma kienx jaqbel maghhom.

(e) Il-konvenut thallas l-ewwel zewg pagamenti pattwiti fil-ftehim tal-14 ta' April 1998 u li komplessivament ilahhqu ghal elf hames mija sitta u tmenin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm1586.12,0).

(f) Ix-xoghol pero' ma tkomplix mill-konvenut u gie abbandunat minnu. Ir-raguni moghtja skond l-ittra tal-Avukat tieghu a fol 21 kienet li saru tibdiliet fix-xoghol rikjest u tibdil fil-bill of quantities, minghajr ma gie konsultat jew miftiehem mieghu. Ghalhekk, kif eccepit minnu, s-socjeta' attrici kissret il-kondizzjonijiet tal-ftehim.

(g) Skond is-socjeta' attrici x-xoghol li kien lahaq ezegwixxa l-konvenut, qabel ma nkarigat lil terzi jikkompletawh, gie stmat disa mija u erbatax il-lira Maltija u tmenin centezmu (Lm914.80,0). Dan kif muri fid-dokument a fol 36. Ghall-konvenut, invece, il-valur tax-xoghol ezegwit minnu gie komputat fis-somma ta' elf, tliet

mija u seba’ u tletin lira Maltija, u hamsin centezmu (Lm1337.50,0). Dan skond statement esebit a fol 78.

(h) Is-socjeta’ attrici tghid li l-konvenut ghandu jirrifondilha s-somma ta’ sitt mija u wiehed u sebghin lira u tletin centezmu (Lm671.30,0) korrispondenti ghad-differenza bejn l-ammont li thallas u l-valur tax-xoghol ezegwit. Minn naha l-ohra l-konvenut jippretendi rizarciment ta’ disa mija u tliet liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm903.12,0) bilanc tal-kalkolu li ghamel hu tal-profitti li kien behsiebu jirrealizza mis-subappalt.

Minn dawn il-provi l-ewwel Qorti ikkonkludiet li bit-tibdiliet li ntalbu mis-socjeta’ attrici l-ftehim gie znaturat. Imkien ma ssemmi l-kwestjoni tal-prezzijiet u fil-fatt din il-materja mhiex specifikament artikolata la fl-eccezzjonijiet u lanqas fil-kontro-talba. Din hi l-ewwel osservazzjoni li taghmel din il-Qorti u tkompli zzid billi tissottolinea l-importanza li parti jew partijiet jirrendu l-kaz taghhom car kemm jista’ jkun fl-istadju skritt tal-procediment.

It-tieni osservazzjoni hi din. Jidher li donnu l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-patt stabbilit fil-kuntratt ta’ ftehim illi s-socjeta’ attrici, qua kuntrattur, kienet irrizervat id-dritt li tohrog “variation orders” fil-kors tal-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. Dan setghet taghmlu “as deemed necessary”.

Huwa ormai konswet u bil-wisq familjari illi ghal certi xoghlijiet gew formulati skritturi specjali, u kultant aktar kumplessi minn dak de quo, fejn insibu klawsoli ta’ rizervi bhal ma huma proprju l-“variation orders” jew stipulazzjonijiet simili kostitwenti rizervi da parte tal-kommittent fil-konfront ta’ kuntrattur jew tal-kuntrattur di fronte ghas-sub-appaltatur. Fil-ligi ma hemm xejn x’jimpedixxi li dan issir. U allura meta jintalbu, gjaladarba l-parti obbligata tkun ukoll issottoskriviet ghalihom, dik l-istess parti hi mistennija li tonorahom. U ma tistax tilmenta jekk in konsegwenza ghal dan, ix-xoghol gie estiz. Dan jghodd ukoll anke fil-kaz li ma jkunx intlahaq qbil fuq ir-rati applikabbli jew il-prezz tax-xoghol zejjed.

Fil-kaz de quo l-kontendenti kienu ftehmu fuq in-natura tax-xoghol u l-prezz tieghu. Kien miftiehem ukoll li setghu jintalbu varjazzjonijiet fl-ezekuzzjoni tal-istess xoghlijiet. Meta dan kien hekk accettat dan kien jorbot lill-partijiet kontraenti u dan ghab-bazi tal-principju fondamentali sancit fl-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili li ghid li "*l-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom*". Dan hu l-principju generali sagrosant tal-kuntratt u tal-obbligatorjeta` tieghu.

Ankorke ma jkunx qabel mal-prezz jew rati godda tax-xoghlijiet extra min hu obbligat jezegwixxi x-xoghlijiet, bhal ma hekk kien obbligat il-konvenut, dan ma setax imbaghad, jiddiskosta ruhu mill-obbligu li jissokta bis-sub-appalt. Kif lanqas ma jiggjovah l-ilment, u din forsi hi l-verita, illi hu accetta l-progett bi prezzijiet baxxi (Deposizzjoni ta' Paul Ciappara, fol 53). Tali ilment ma huwiex zball skuzabbli li jista' jinvalida l-ftehim.

Hemm imbaghad din l-osservazzjoni li minn dak rakkontat fil-korp tar-rikors ta' l-appell jidher li tqajjmet mill-appellat quddiem il-Qorti ta' Isfel pero' giet dikjarata irrilevanti minn dik il-Qorti. Dan in rigward ghat-talba ghan-nomina ta' espert tekniku biex jiddetermina jekk il-prezzijiet godda kienux gustifikati o meno.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dato ma non concesso li l-kuntrast kien dwar il-prezz, din kienet talba logika hafna in kwantu jekk ma kienx hemm ftehim fuq il-prezz tax-xoghlijiet extra kienet certament tinhass il-htiega li l-Qorti tghaddi ghan-nomina ta' perit tekniku biex jassistiha tillikwida l-prezz gust (**<u>Vol XXXIV pII p837</u>**). Kwistjoni din li tirreduci ruhha wkoll ghal kwistjoni ta' fatt u ta' provi.

Gjaladarba qed tigi dibattuta din il-kwestjoni dwar il-prezz tajjeb ukoll li ssir referenza ghal dak dispost fl-Artikolu 1639 tal-Kodici Civili. Liema artikolu hekk jiddisponi:-

"*L-appaltatur li jintrabat li jtella' bini, <u>jew xoghol iehor kbir</u>, skond pjanta stabbilita u miftehma ma' min tah ix-xoghol, <u>ma jista' jitlob ebda zieda fil-prezz</u>, minhabba li jkun zdied il-prezz tal-haddiema jew tal-materjali, jew <u>minhabba li fil-</u>*

*pjanta ikun sar xi tibdil jew zieda, li ma jkunux gravuzi ghalih*".

A contrariu sensu jfisser, dejjem attiz li x-xoghol miftiehem ikun ta' entita' kbira, jekk it-tibdil ikun gravuz jew pregudizzjevoli ghall-appaltatur dan jista' u ghandu dritt jitlob zieda fil-prezz. Din hi disposizzjoni eccezzjonali u taghmel sens tenut rigward tat-telf kbir li jista' jigi subit f'dawn il-kazijiet ta' xoghol kbir.

Il-materja hi ben spjegata fid-decizjoni fl-ismijiet "**Alessandro Manara –vs- Avv. Enrico C. Vassallo et nomine**", Appell Kummerc, 17 ta' Ottubru 1919 (Vol XXIV pI p964):-

"*Attesoche` il fondamento giuridico della disposizione sopra citata riposa nella considerazione che l'esecuzione dello appalto a prezzo fisso e` circoscritto dal piano stabilito, e la spesa delle opere da farsi entro i limiti del contratto e del piano stabilito e convenuto col committente, ha un carattere aleatorio per l'appaltatore il quale e` tenuto ad eseguire i lavori tracciati dal disegno a suo rischio e pericolo; e quante volte nel corso della costruzione fosse a sorgere la necessita` o la convenienza di opere aggiunte o di varianti non contemplate nell'originario disegno, l'imprenditore che pretendesse rivalsa contro il committente per quelle variazioni od aggiunte deve dimostrare che le stesse gli fossero state onerose, e cio in base al principio che il comittente deve fare conscio lo appaltatore che quelle opere siano fuori della previsione del contratto la cui spesa non potrebbe essere addossata all'imprenditore per scusa che il committente ne venisse ad arrischiarsi indebitamante*."

F'dan il-kaz il-Qorti kienet hatret espert tekniku biex jistabilixxi proprju il-valur tax-xoghlijiet agguntivi. Fatt dan li ma sarx f'dan il-kaz u lanqas intalab li jsir mill-konvenut. Dan forsi jispjega wkoll l-osservazzjoni kostatata illi l-ilment dwar il-prezz tax-xoghlijiet appaltati ma nsorgiex u l-kwistjoni, ghallanqas minn naha tal-konvenut, illimitat ruhha ghal fatt tat-tibdiliet u xoghol zejjed rikjest. Tezisti

wkoll spjegazzjoni ohra, u cjoe li fil-kalkolu li ghamel l-istess konvenut tax-xoghol li lahaq ezegwixxa (fol 78) hu kejjel dan ix-xoghol fuq il-bill of quantities emendat. Ara deposizzjoni tieghu a fol 74.

Issa kieku ghall-grazzja tal-argument ix-xoghol appaltat fil-kaz de quo kellu jitqies "kbir" li ghalih kien ekwament japplika l-Artikolu 1639 Kap 16 surreferit l-intitolar li seta' kellu ghal zieda fil-prezz, anke bil-mod pretiz minnu jew salv id-determinazzjoni minn perit tekniku, ma kellux jikkonducih ghall-abbandun tax-xoghol li ndahal ghalih skond it-termini u kondizzjonijiet pattwiti.

Tali atteggjament ma kienx, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jiskansah milli jadempixxi l-obbligu primarju tal-kuntratt jigifieri dak tal-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, jew jehilsu mir-responsabilita' ghan-non adempjenza.

Il-Qorti wiznet il-provi kollha u ma ssibx li l-konvenut kellu ragun. L-estensjoni jew iz-zieda tax-xoghlijiet kienet tirrientra fit-termini tal-kuntratt u ghalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda gustifikazzjoni jissospendi x-xoghol u jonqos li jirriprendih meta gie imsejjah jaghmel dan. Il-versjoni tas-socjeta' attrici hi aktar qrib is-sewwa minn dik tal-konvenut kemm ghal dik li hi t-tifsira tal-ftehim, kif ukoll ghall-fatti l-ohra korrelatati mieghu. F'liema ipotesi jista' jinghad li l-konvenut lanqas ma pprova li kien intitolat ghal xi telf tal-profitti ghal xoghol li ma hadimx tort tieghu. F'sitwazzjoni bhal din "imputet sibi".

Konsegwentement din il-Qorti ma tistax taccetta l-kontro-talba tal-konvenut jew takkolji l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talba principali tas-socjeta' attrici u li din il-Qorti tirritjeni li hi aktar affidabbli u konvincenti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. Fic-cirkostanzi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta u tikkundanna lill-konvenut jirrifondilha lura s-somma ta' sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm671.30,0), flimkien mal-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

L-ispejjez taz-zewg istanzi huma a kariku tal-konvenut appellat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------